

ABBOZZ BID-DATA

L-Att propost tal-Membri Klaver u Ouwehand li jemenda l-Att dwar il-Ġestjoni Ambjentali u l-Att dwar ir-Reati Ekonomiċi b'rabta mal-introduzzjoni ta' projbizzjoni fuq il-logħob tan-nar għall-konsumaturi (l-Att dwar is-Sena l-Ġdida Sikura)

ABBOZZ TA' LIĠI EMENDAT

Jiena, Willem-Alexander, bil-Grazzja t'Alla, ir-Re tan-Netherlands, Prinċep ta' Orange-Nassau, eċċ.

Tislijiet lil dawk kollha li se jaraw jew jisimgħu dan li ġej. Għandu jkun magħruf:

Billi Aħna kkunsidrajna li huwa mixtieq li jiġi emendat l-Att dwar il-Ġestjoni Ambjentali u l-Att dwar ir-Reati Ekonomiċi b'rabta mal-introduzzjoni ta' projbizzjoni fuq iż-żamma u l-ħruq tal-logħob tan-nar mill-konsumaturi;

Wara li smajt lid-Diviżjoni Konsultattiva tal-Kunsill tal-Istat u f'konsultazzjoni mal-Istati Ġenerali, jien hawnhekk napprova u nordna:

ARTIKOLU I

L-Att dwar il-Ġestjoni Ambjentali [Wet milieubeheer] għandu jiġi emendat kif ġej:

A

Fl-Artikolu 1.1(1), jiddaħħlu d-definizzjonijiet li ġejjin f'ordni alfabetika:

Id-Direttiva tal-UE dwar l-Oġġetti Pirotekniċi: Id-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 178).

persuna b'għarfien speċjalizzat: persuna b'għarfien speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva tal-UE dwar l-Oġġetti Pirotekniċi;

logħob tan-nar tal-kategoriji F2 u F3: logħob tan-nar tal-kategoriji F2 u F3 kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(a) tad-Direttiva tal-UE dwar l-Oġġetti Pirotekniċi;

B

Jiddaħħal Artikolu wara l-Artikolu 9.2.2.1 bit-test li ġej:

Artikolu 9.2.2.1a

1. Il-pussess u l-użu ta' logħob tan-nar tal-kategoriji F2 u F3 għandhom ikunu pprojbiti għal persuni li ma għandhomx għarfien speċjalizzat.

2. Il-bejgħ ta' logħob tan-nar tal-kategoriji F2 u F3 lil persuni li ma għandhomx għarfien speċjalizzat huwa pprojbit.

3. Il-persuni b'għarfien speċjalizzat għandhom jinħatru b'ordni amministrattiva ġenerali.

4. Is-sindku jista' jagħti eżenzjonijiet mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għall-fini tat-tqabbid tal-logħob tan-nar tal-kategorija F2 deżinjat minn ordni amministrattiva ġenerali jew skontha matul iċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena l-Ġdida.

5. Għandhom jiġu stabbiliti regoli b'ordni amministrattiva ġenerali dwar il-kundizzjonijiet li bihom tista' tingħata eżenzjoni mis-sindku fuq applikazzjoni u r-regoli li jistgħu jiġu meħmuża ma' dik l-eżenzjoni.

6. Il-projbizzjoni stabbilita fit-tieni paragrafu ma għandhiex tapplika fid-29, it-30 u l-31 ta' Diċembru jekk ix-xerrej ikun fil-pussess ta' eżenzjoni kif imsemmi fir-raba' paragrafu.

7. Ordni amministrattiva ġenerali għandha tistabbilixxi regoli dwar il-bejgħ ta' logħob tan-nar tal-kategorija F2 li jkun ġie ddeżinjat minn ordni amministrattiva ġenerali jew skontha lil xerrej li jkollu eżenzjoni kif imsemmi fir-raba' paragrafu.

C

Fl-Artikolu 21.6(2), il-kliem “9.2.2.1a” jiddaħħal wara “9.2.2.1(1)”.

ARTIKOLU II

Fl-Artikolu 1a(1) tal-Att dwar ir-Reati Ekonomiċi, taħt l-intestatura “Att dwar il-Ġestjoni Ambjentali”, il-kliem “9.2.2.1a” għandu jiddaħħal wara l-kliem “9.2.2.1”.

Artikolu IIa

Id-Digriet dwar il-Logħob tan-Nar [Vuurwerkbesluit] huwa emendat kif ġej:

A

Fl-Artikolu 1.1.1(1), id-definizzjonijiet ta' “Direttiva tal-UE dwar l-Oġġetti Pirotekniċi” u “persuna b'għarfien speċjalizzat” għandhom jiġihassru.

B

L-Artikolu 1.2.4 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Is-subparagrafi (a) u (b) tal-Paragrafu 2 għandhom jiġihassru.

2. Fil-paragrafu 4, il-kliem “il-logħob tan-nar jew il-” għandu jiġihassar.

C

L-Artikoli 2.3.2, 2.3.3, 2.3.5a u 2.3.6 għandhom jiġihassru.

D

Fl-Artikolu 2.3.7, il-virgola wara “1.2.4” hija sostitwita bi “u” u l-kliem “, 2.3.2, 2.3.3, 2.3.5a u 2.3.6” għandu jiġihassar.

Artikolu IIb

Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, id-Digriet dwar il-Logħob tan-Nar għandu jkollu wkoll bħala bażi leġislattiva l-Artikolu 9.2.2.1a tal-Att dwar il-Ġestjoni Ambjentali.

ARTIKOLU III

1. Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fi żmien li għandu jiġi deċiż b'Digriet Reġju, li jista' jkun differenti għal kull wieħed mill-Artikoli tiegħu.

2. Il-proposta għal Digriet Reġju kif imsemmi fil-Paragrafu 1 ma għandhiex issir aktar kmieni minn erba' ġimgħat wara li l-abbozz ikun ġie ppreżentat liż-żewġ Awli tal-Istati Ġenerali. Jekk waħda mill-awli tal-Istati Ġenerali tiddeċiedi li ma tapprovax l-abbozz, ma għandha ssir l-ebda proposta u jista' jiġi ppreżentat abbozz ġdid liż-żewġ awli tal-Istati Ġenerali mhux aktar kmieni minn sitt ġimgħat wara d-deċiżjoni ta' dik l-awla tal-Istati Ġenerali.

ARTIKOLU IV

Dan l-Att għandu jiġi kkwotat bħala: Att dwar (is-Sikurezza ta') iċ-Ċelebrazzjonijiet tas-Sena l-Ġdida

B'dan qed jiġi ordnat li dan l-Att għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u li l-ministeri, l-awtoritajiet, il-kummissjonijiet u l-uffiċjali kollha kkonċernati jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tiegħu.

Maħruġa minn

Is-Segretarju tal-Istat għall-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi,

Il-Ministru għall-Ġustizzja u s-Sigurtà,

Is-Segretarju tal-Istat għall-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi,

Il-Ministru għall-Ġustizzja u s-Sigurtà,